MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. GRIMA EDWINA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 2127/2002

***U.C.I.M. CO. LTD.***

***vs***

***Manuel Saliba u martu Doreen Saliba***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2002, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u ghaxar liri Maltin (Lm710) rappresentanti l-import ta' seba' kambjali wahda ta' Lm86, u sitta ta' Lm104, il-wahda, debitament accettati u skaduti minn Marzu 2002 sa Settembru 2002 rispettivament u mhux

imhallsa, annessi mal-avviz bhala Dokumenti 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament.

Bl-ispejjez, inkluzi Lm6 tal-konsult legali, kif ukoll bl-imghaxijiet legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sal-1

ta’ Settembru 2002 jammontaw ghal Lm15, oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati skond il-ligi bil-procedura tal-publikazzjoni, baqghu ma dehrux u l-anqas ma pprezentaw risposta fir-rigward.

Ra n-nota ta’ riduzzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fil-25 ta’ Ottubru 2002, li permezz taghha t-talba giet ridotta ghal hames mija u sebgha liri (Lm507).

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Neville Camilleri ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont kif ridott bin-nota tal-25 ta’ Ottubru 2002 ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba, kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ hames mija u sebgha liri Maltin (Lm507), bl-imghaxijiet legali mis-16 ta’ Ottubru 2002.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**